MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 429/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Cassano**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Cassano talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' wara din id-data (**1**) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9; (**2**) f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta` kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew jgharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu[1]; u aktar (**3**) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel

[1] Artikolu 295 tal-Kap. 9.

uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira (Lm1,000) bi hsara ta' Rausi Insurance Limited u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Novembru 2007, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Martin Cassano mhux hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza b'mod li ghalhekk din il-Qorti ssib lill-appellat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-appellat Cassano, imputat quddiem l-ewwel qorti, kien akkuzat bir-reati ta' ricettazzjoni, frodi dwar sigurta` u truffa. Il-fatti principali li taw lok ghal dan il-kaz – fatti li dwar hafna minnhom ma hemmx kontestazzjoni – huma s-segwenti. Fil-11 ta' Novembru 2002 Joseph Incorvaja irraporta li kienu insterqulu diversi affarijiet mill-lanca tieghu li kienet sorguta fuq l-art f'post f'Marsaskala. Fost l-affarijiet li huwa ddikjara li kienu nsterqu kien hemm zewg *z-drives* taz-zewg magni tal-lanca. Incorvaja kien qabbad lill-appellat Cassano, li jahdem bhala mekkanik kemm fuq dghajjes kif ukoll fuq karozzi, biex jassistih fl-istima tal-oggetti misruqa u anke biex jipprova jsiblu *z-drives* biex jirrimpjazza dawk misruqa. Incorvaja, li kien assigurat ma' Rausi Insurance Agency, ghamel il-*claim* ma' din id-ditta li, wara li ghamlet il-verifiki taghha, hallset lil Incorvaja ghad-dannu li huwa kien sofra, <u>pero` ad eskluzjoni taz-*z-drives*</u>, is-somma ta' Lm844.33 – ara dokumenti a fol 21 u 24 ta' l-atti. Il-problema dwar iz-*z-drives* kienet li ma kienx

facli li wiehed isib dawn il-bicciet li kienu jaqblu mal-magna tal-lanca ta' Incorvaja. Irrizulta in segwitu li *z-drives* mhux veru kienu insterqu, u li Incorvaja kien semplicement irraportahom neqsin biex ikun jista' jirrivendika fil-konfront tas-socjeta` assikuratrici kumpens ghalihom ukoll. Minhabba li wara li Cassano informa lis-socjeta` assiguratrici li hu kien sab *z-drives second hand* biex iwahhalhom fuq il-lanca flok dawk li "insterqu" hu kien pjuttost evaziv mad-dirigenti ta' din is-socjeta` dwar minn fejn kien xtrahom, dawn, min-naha taghhom, informaw lill-pulizija bis-suspetti taghhom. Il-Pulizija baghtet ghal Cassano, u dan fl-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija qal testwalment hekk:

**"Minhabba li *z-drives* tieghu kienu antiki, jien issuggerejt li ma jinxtrawx tnejn godda minghand Ripard ghax ikun *expensive* wisq. Aktar tard, u cioe` xi xhur, jien kont smajt li kien hemm dghajsa ghall-bejgh go garaxx bl-isem 'Jessica' liema dghajsa ma kienet tiswa xejn pero` kellha z-*z-drives* l-istess mudell li kellu Incorvaja. Jien infurmajt l-*insurance* dwar dan u kienu anke gew jaraw din id-dghajsa. Dawn iz-*z-drives* ghall-ewwel ma thajjartx nixtruhom ghax kienu mkabrin. Xi granet wara kont qed nitkellem ma' Incorvaja u ghidtlu li konna rajna xi *z-drives* ma' dghajsa ohra pero` ma kienux jghoddu ghalih. Kien hawnhekk li Incorvaja qalli li z-*z-drives* tieghu ma kienux serquhomlu izda kienu ghadhom ghandu u ghalhekk iddecidejna li bil-flus ta' l-*insurance* nixtru z-*z-drives* tal-'Jessica' u nsewwu z-*z-drives* tieghu li suppost li kienu misruqin. Fil-fatt hekk ghamilna. Lill-*insurance*, aktar tard, jien ghidtilhom li kont sibt zewg *z-drives* ohra minghand haddiehor pero` minghand min jien lill-*insurance* bqajt ma ghidtilhomx. X'hin tajthom il-*quotation* taghhom u thallast, mort xtrajt il-'Jessica' bil-flus ta' l-*insurance* u qlajtilha z-*z-drives* mill-ewwel. Fil-frattemp Incorvaja gab iz-*z-drives* li suppost serqulu, hadt xi *parts* miz-*z-drives* tal-'Jessica' u sewwejtlu tieghu stess…Jien ma hadtx flus. Kullma hallieli huma zewg magni qodma biex nuzahom ghall-i*spare parts…*(M. Meta sirt taf li fil-fatt iz-*z-drives* ta' Incorvaja mhux veru nsterqu,**

**x'gaghlek tibqa' tghinu biex isewwi u jiehu l-flus minghand l-*insurance*?) La darba cappasni, jien ridt nehles minn din il-bicca xoghol…Jiddispjacini ta' li gara. Ma kellix ghalfejn naghmel dawn l-affarijiet."** [2]

Bhala fatt irrizulta u gie stabbilit bil-provi li iz-*z-drives* li eventwalment twahhlu kienu l-istess li l-lanca ta' Incorvaja kellha qabel ma gew rappurtati nieqsa – ara d-deposizzjoni ta' Andrew Spiteri, sid il-lanca qabel ma din inbieghet lil Incorvaja, a fol. 31 u 32 ta' l-atti. Irrizulta wkoll mill-provi li c-cekk (ta' Lm1,300)[3] li kellu jkopri x-xiri taz-*z-drives* tal-'Jessica' flimkien ma' l-ispejjez tal-manodopera biex dawn suppost li jitwahhlu, inhareg direttament fuq l-appellat Cassano, u dan iggira kollox fuq sid il-'Jessica'.

L-ewwel qorti lliberat lill-appellat Cassano mill-imputazzjonijiet kollha ghax irriteniet li dak li hemm fl-istqarrija ta' l-appellat, hawn aktar 'l fuq riportata, kif korroborata mid-deposizzjoni ta' Nigel Rausi[4], id-direttur tas-socjeta` assiguratrici, huwa kontradetta mid-deposizzjoni ta' Josephine Cassar (sid il-'Jessica') kif ukoll mid-deposizzjoni ta' l-istess appellat moghtija quddiem l-ewwel qorti. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha u li kien ghalhekk li hija lliberat lill-imsemmi Cassano.

Issa, ghalkemm huwa minnu li l-appellat, fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti, jaqbez kompletament dik il-parti ta' l-*iter* ta' l-istorja fejn (skond l-istqarrija) kien ghall-ewwel gie deciz li *z-z-drives* tal-'Jessica' kienu wisq malandati biex ikunu tajbin, u jaghti x'jifhem li allura kien hemm dejjem u biss negozjati diretti bejn sid il-'Jessica' u s-socjeta` assiguratrici, huwa mkien ma jipprova jispjega ghala lill-pulizija qalilhom affarijiet differenti u li huma cari, korroborati minn Rausi u li jinkriminawh; u – aktar importanti – imkien ma jispjega ghala c-cekk ghaz-*z-drives* u l-manodopera hareg direttament fuq ismu flok fuq isem Incorvaja. L-appellat semplicement jghid "Ma nafx

[2] Ara fol. 13, 14.
[3] Fol. 27.
[4] Fol. 15 *et seq.*

ghal liema raguni sussegwentement gie Incorvaja b'cekk ta' elf u tliet mija – kien cekk mahrug mis-socjeta` Rausi u intestat f'ismi personalment, u jien b'dan ic-cekk mort minghand min xtraw iz-*z-drives*, iggirajtu, u tajthulhom." [5] Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu huwa jichad li kien jaf li fil-fatt iz-*z-drives* tal-lanca ta' Incorvaja ma kienux effettivament insterqu, hu b'ebda mod ma jipprova jispjega mqar minimament ghala lill-pulizija fil-31 ta' Jannar 2006 qalilhom bil-kontra. Ta min jinnota li f'dan il-kaz id-difiza b'ebda mod ma ppruvat tattakka l-volontarjeta` ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat lill-pulizija. Anzi, fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2006 hemm verbal[6] registrat mill-allura avukat ta' l-imputat – Dott. Roberto Monltalto – li fih id-difiza qed tezenta espressament lill-prosekuzzjoni milli ggib prova dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija altru milli konvinta li l-verzjoni korretta u vera ta' dak li gara hija dik kontenuta fl-imsemmija stqarrija rilaxxjata lill-pulizija, u mhux dik kontenuta fid-deposizzjoni ta' l-appellat moghtija minnu fis-27 ta' Settembru 2007. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni plausibbli ghala <u>issa</u> l-appellat qed jinnega dak li kien volontarjament, u wara li kien gie debitament imwissi, qal lill-pulizija din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzzjoni li l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti kien wiehed manifestament skorrett.

Anke dwar id-deposizzjoni ta' sid il-'Jessica' – fol. 151 sa 152 tal-atti – din il-Qorti tara li din id-deposizzjoni fir-realta` ma tikkontradixxix l-istqarrija ta' l-imputat. Josephine Cassar ma tinnegax li rapprezentanti tas-socjeta` assiguratrici kienu marru jaraw il-lanca taghha – haga li anke l-appellat isemmi fl-istqarrija tieghu u li tirrizulta wkoll mid-dokument prezentat minn Nigel Rausi a fol. 19 [7]. Ma hux eskluz li f'din il-laqa' saru trattattivi dwar

---

[5] Fol. 155.

[6] Ara fol. 39.

[7] F'dan id-dokument jinghad hekk: *"Mr Cassano had at one time before the 6 of February advised us that he knew of a boat for sale 'Jessica', S 3372, whose owner had passed away and therefore the heirs wanted to sell the vessel. This vessel had Z Drives similar to those stolen and Cassano intended to buy the vessel for these drives. This vessel was seen in a garage in Santa Venera by Nigel Rausi from our office as well as Mr*

xi prezz, pero` din ix-xhud certament ma setghetx kienet taf – u jekk kienet taf, dan ma qalitux – li Cassano kellu ripensament dwar iz-*z-drives* minhabba l-kundizzjoni taghhom. Kullma setghet tghid din ix-xhud kien li xi zmien wara Cassano gie ghandha bic-cekk f-idejh.

Imbaghad hemm haga ohra li l-appellat b'ebda mod ma spjega jew imqar ittanta jispjega: kif effettivament iz-*z-drives* li spiccaw imwahhlin fuq il-lanca ta' Incorvaja kienu dawk l-istess li suppost insterqu. Andrew Spiteri, sid il-lanca qabel Incorvaja, kien car u inekwivoku meta, fid-deposizzjoni tieghu tat-23 ta' Mejju 2006, fisser li *z-z-drives* li huwa ra fuq il-lanca fi Frar ta' dik is-sena kienu l-istess li l-magni kellhom meta huwa kien biegh il-lanca lil Incorvaja. Mill-provi jirrizulta li x-xoghol fuq iz-*z-drives* ghamilhom l-appellat tramite ibnu (ma jirrizultax li dan ibnu kien jaf b'dan it-tahwid).

Kollox ma' kollox, din il-Qorti hi sodisfatta lil hin minn kull dubju dettata mir-raguni li l-affarijiet sehhew kif effettivament hemm fl-istqarrija ta' l-appellat u mhux kif iddepona l-appellat quddiem l-ewwel qorti meta evidentement ghazel li jkun selettiv u jhalli barra dak li seta' jinkriminah. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ser jintlaqa'.

Il-fatti kif hawn fuq riportati, pero`, la jwasslu ghar-reat ta' ricettazzjoni u anqas ghal dak kontemplat fl-Artikolu 295 tal-Kap. 9 – l-appellat ma jistax jinghad li ddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu, jew li kien komplici ma' haddiehor f'dan ir-reat. Anqas jista' jinghad li hemm ir-reat ta' truffa ravvizat fl-Artikolu 308, u dan ghas-semplici raguni li ma jistax jinghad li b'dak li ghamel l-appellat huwa wettaq "raggiri" jew "artifizji" li huma essenzjali ghall-kostituzzjoni ta' truffa. Pero` certament hemm ir-reat ta' frodi nnominata a dannu tas-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited fit-termini ta' l-Artikoli 309 u 310(1)(a) – reat, dan, kompriz u involut f'dak ta' truffa ipotizzat fit-tielet imputazzjoni.

---

*Cassano. We were subsequently advised by Mr Cassano that these were in poor condition and therefore not suitable."*

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li rat l-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, issib lill-appellat Martin Cassano hati biss ta’ qliegh b’qerq a dannu tas-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited, b’dan li l-ammont ta’ hsara maghmula minnu kienet ta’ aktar minn elf lira; tikkundanna lill-istess Martin Cassano ghall-piena ta’ sena u sitt xhur prigunerija b’dan li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li din is-sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ tlett snin mill-lum, huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija; u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur l-ispejjez peritali konnessi mal-hatra ta’ Joseph Zammit a fol. 49 (izda mhux in konnessjoni mal-hatra tieghu a fol. 133 peress li din it-tieni hatra ma kienet ta’ ebda utilita` f’dan il-kaz), PC 453 Brian Cassar u PS 36 Sergio Azzopardi (fol. 111), u dan fi zmien gimgha minn meta jigi notifikat bl-ammont mill-istess Registratur (u kemm-il darba dawn l-ispejjez ma gewx diga` mhallsa f’xi proceduri ohra). Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Fl-ahharnett, il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta’ l-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------